**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 281/2008**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Simon Chircop**
**(ID 168968(M))**

**Illum, 10 ta' Jannar 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Simon Chircop**, ta' 35 sena, iben Joseph Chircop u Filippa nee` Spiteri, imwieled Attard, nhar it-28 ta' Marzu 1968, resident fil-fond numru bla post fiss ta residenza (St. John's Flats, Flat 5, Triq Testaferrata, Msida), detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 168968(M);

a) Akkużat talli nhar it-12 ta' Jannar 2004 u fil-ġranet ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer, mingħajr ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss sabiex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, fixkel lil Giorgio Gauci fil-pussess ta' ħwejġu u ċioe` meta għamel użu minn garage ġewwa Triq il-Watar, Ta' Xbiex, mingħajr permess jew xort'oħra;

b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta,

meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-espertoazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna li jitħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-Prosekuzzjoni intavolat iċ-ċitazzjoni odjerna fir-Reġistru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Ottubru 2008;

Rat illi wara li saru diversi seduti quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, stante li minkejja li notifikat sabiex jidher, l-imputat baqa' ma deherx u sussegwentement baqa' ma nstabx, il-kawża ġiet differita *sine die* fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2011;

Rat ukoll illi wara rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-4 ta' Lulju 2012, li permezz tagħha talab lil din il-Qorti, kif diversament preseduta, sabiex tappunta l-kawża msemmija stante li l-imputat ġie finalment intraċċat, il-kawża ġiet appuntata għall-25 ta' Jannar 2013, għal-liema seduta l-istess imputat deher għall-ewwel darba f'dan il-każ;

Rat ukoll illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti permezz tal-assenjazzjoni tad-doveri tal-1 ta' Frar 2013;

Rat ukoll illi wara li l-imputat kien notifikat sabiex jidher iżda baqa' ma deherx u wara wkoll illi għal diversi xhur baqa' ma nstabx, il-kawża bdiet tinstema' fis-17 ta' April 2015;

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2021, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi kif ingħad iżjed 'il fuq, l-imputat irreġistra ammissjoni fir-rigward taż-żewġ imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Madankollu, minkejja tali ammissjoni, il-Qorti tirrileva s-segwenti:

Permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat jinsab akkużat bir-reat ta' *ragion fattasi* ai termini tal-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali. Skont l-imsemmi artikolu, il-piena applikabbli għal dan ir-reat, kif viġenti fiż-żmien tal-każ odjern, hija ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur, għalkemm fid-diskrezzjoni tagħha, il-Qorti tista' tapplika l-piena tal-multa. Dan ifisser, ai termini tal-Artikolu 688 (e) tal-Kodiċi Kriminali illi l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn. Jirriżulta illi l-imputazzjoni odjerna tirreferi għat-12 ta' Jannar 2004 u l-ġranet ta' qabel din id-data, kif ukoll illi ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata mill-Prosekuzzjoni fir-Reġistru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Ottubru 2008, u għalhekk iżjed minn erba' snin wara d-data li għaliha tirreferi l-istess imputazzjoni.

Dan ifisser illi l-azzjoni fir-rigward ta' din l-imputazzjoni kienet diġa` preskritta meta ġiet intavolata l-istess ċitazzjoni u għaldaqstant, minkejja l-ammissjoni tiegħu, l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' din l-ewwel imputazzjoni.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat imbagħad jinsab akkużat bir-reat ta' pussess tad-droga eroina u dan ukoll b'referenza għat-12 ta' Jannar 2004 u l-jiem ta' qabel din id-data. F'dan ir-rigward fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati ta' din l-istess imputazzjoni.

Għal fini ta' piena dwar din l-imputazzjoni, il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni l-ammont żgħir ta' droga eroina mertu tal-istess u illi f'dan il-każ għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 85 u 688(e) tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-

Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjara 101.02 u l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tiddikjara l-azzjoni fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni bħala preskritta u qed tillibera lill-imputat **Simon Chircop** minn kull ħtija u piena fir-rigward tal-istess u fir-rigward tat-tieni imputazzjoni qed tikkundannah għall-penali ta' ħamsa u sebgħin ewro (€75).

Stante illi fiż-żmien tal-każ odjern, l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali ma kienx jipprovdi għall-ħlas tal-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, liema spejjeż ġew inklużi fl-imsemmi artikolu bis-saħħa tal-Att XIII tas-sena 2005, u stante wkoll illi f'dan il-każ il-ħatra tal-esperti saret mill-Maġistrat Inkwirenti fl-istadju tal-inkjesta dwar dan il-każ, il-Qorti mhijiex tikkundanna lill-ħati għall-ħlas ta' dawn l-ispejjeż.

Tordna d-distruzzjoni tas-sustanza u l-oġġetti konnessi mad-droga esebiti fl-atti tal-inkjesta li saret dwar dan il-każ, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat